**16 ta' Diċembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Rose mart l-Ispiżjar Francis Callus minnu assistita

*versus*

Reverendu Kanoniku Dun Carmelo Bezzina

**Kommunjoni tal-akkwisti — Ċessazzjoni ta' — Separazzjoni personali — Sentenza ta'**

*F'din a l-kawża qamet u ġiet deċiża l-kwistjoni jekk sentenza preċedenti f'kawża ta' separazzjoni personali kienitx timporta ċ-ċessazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti jew le.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi wara li ppremettiet illi fit-tlettax (13) ta' Mejju, 1949 (Dok. A) miet mingħajr testment Avertano Falzon u fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju, 1961 (Dok. B) mietet Maria Falzon u ħallew superstiti lilha stess binthom u illi l-imsemmija Marija Falzon fit-testment tagħha tat-tnejn (2) ta' Ottubru, 1958, riċevut min-

*nutar Joseph* Gatt (Dok. C) *ħallietilha* l-*leġittima* u *b'testment* suċċessiv riċevut min-nutar Joseph Cachia tal-ħamsa (5) ta' Jannar, 1959 (Dok. *D*) *istitwit* eredi universali tagħha lill-konvenut u b'testment ieħor tal-għoxrin (20) ta' Diċembru, 1958 (Dok. E) l-istess Maria Falzon għamlet xi *dispożizzjonijiet oħra hem mindikati u illi hija ma tridx tibqa' aktar in* komunjoni mal-konvenut, talbet li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u *l-provvedimenti* kollha meħtieġa — (1) jiġi likwidat l-assi soċjalikonjugali ġa eżistenti bejn Avertano u Maria ġa miżżewġin Falzon billi jkun dikjarat jikkonsisti *f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw* waqt it-trattazzjoni tal-kawża, 2() dana l-assi hekk likwidat ikun maqsum f'żewġ porzjonijiet oħra hemm *indikati u illi* hija ma tridx tibqa' aktar in lari ta' l-imsemmi Avertano Falzon u l-oħra tal-assi partikolari tal-imsemmija Maria Falzon, martu (3) *jiġi likwidat* l-assi *partikolari tal-imsemmi Avertano Falzon billi jkun* dikjarat jikkonsisti f'nofs il-beni provenienti mill-assi soċjali konjugali *kif likwidat u f'dawk il*-beni kollha li jirriżultaw waqt t-trattazzjoni tal-kawża (4) dana l-assi kif likwidati jiġi fl-interezza tiegħu assenjat lill-attriċi bħala unika eredi "ex lege" tal-istess *Avertano* Falzon, *missierha* (5) *jiġi likwidat l-assi partikolari* tal-imsemmija Maria Falzon billi jkun dikjarat f'nofs il-beni provenienti *mill*-assi soċjali konjugali kif fuq likwidat u f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża (6) minn dawn l-assi hekk likwidat tiġi segregata, imħallsa u assenjata lill-*attriċi* t-terza parti tal-beni in soddisfazzjon tal-leġittima lilha spettanti skond il-liġi (7) jiġu nominati perit biex jagħmel *il-likwidazzjonijiet* mitluba, nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju, 1961;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda u d-dokument preżentati maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li hu ma jopponix ruħu kif qatt ma opponu ruħu għall-ewwel, tieni, ħames, sitt, u seba' domandi tal-attriċi salv li jiġi qabel xejn *stabbilit meta ġiet terminata* l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Avertano u Maria ġa miżżewġin Falzon; huwa għandu jiġi liberat "ab observantia" a rigward tar-raba' u t-tielet domandi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda kif ukoll *id-dokumenti preżentati man-nota tal-eċċezzjonijiet;*

Rat id-degriet tal-ħdax (11) ta' Jannar, 1962, li bih ġie nominat Perit Legali biex jirrelata fuq id-domandi attriċi billi jagħmel il-likwidazzjoni tal-assijiet hemm imsemmija meħuda n konsiderazzjoni l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jipproponi pjan ta' qasma u/jew assenjazzjoni ta' ġid għal-leġittima u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu malkaż;

Rat ir-relazzjoni peritali preżentata fit-tmien (8) ta' Novembru, 1962 u maħlufa *fl-erbatax (14) ta' Diċembru, 1962,* kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit u d-dokumenti preżentati lilu;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut preżentata fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar, 1963 u dik ta' l-attriċi preżentata *fil-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 1963;*

Rat il-verbal tal-erbgħa (4) ta' April, 1963 minfejn jirriżulta li l-partijiet qablu u talbu li jingħataw sentenza parzjali dwar jekk kienx hemm ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bħala effett tas-sentenza tas-separazzjoni personali pronunzjata bejn il-miżżewġin Falzon fil-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918;

Semgħat lill-attriċi bil-ġurament u l-provi l-oħra prodotti

wara l-preżentata tar-Relazzjoni peritali;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u ħadet konjizzjoni tal-proċess kollu;

Semgħat it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:

*Illi* l-kawża *preżenti* għandha skop tagħha li l-attriċi ma tibqax iżjed fi stat ta' komunjoni mal-konvenut; kif però jidher miċ-ċitazzjoni biex jintlaħaq dana l-iskop hemm bżonn li jsiru l-ilkwidazzjonijiet u qasmiet ta' l-assijiet hemm imsemmija u prinċipalment il-likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Avertano Falzon, missier u awtur ta' l-attriċi, u martu Maria Falzon, awtriċi tal-konvenut li ħalliet il-leġittima lill-attriċi bintha. Li dina kienet dejjem il-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti jirriżulta anke min-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u dan hu dovut għall-fatt li l-proprjetà komuni sostanzjalment tikkonsisti f'dak li l-imsemmija Maria Falzon akkwistat bil-ħidma tagħha wara li kienet separata legalment mill-imsemmi żewġha b'sentenza ta' dina l-Qorti tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918 li kopja tagħha tinsab a fol. 73/24 tal-proċess, u għall-ħtija attribwibbli lilha; il-kwistjoni hi, kif verbalizzata fl-erbgħa (4) ta' April, 1963, jekk il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-imsemmija Avertano u Maria Falzon ġietx terminata bis-sentenza riferita billi, jekk jiġi ritenut li ġiet hekk terminata, allura l-attriċi, bħala aventi kawża ta' Avertano Falzon, tieħu ferm anqas mill-proprjetà li teżisti milli kieku tieħu jekk jiġi ritenut li l-komunjoni ġiet terminata bil-mewt ta' l-istess missierha li miet qabel martu, fit-tlettax (13) ta' Mejju, 1949; huwa fuq dana l-punt li l-partijiet talbu li tingħata sentenza parzjali, u l-Qorti, għar-raġuni ovvja, li minn dina d-deċiżjoni jiddependi kif għandha ssir il-qasma bejn il-kontendenti, sejra tillimita ruħha biex tiddeċiedi dana l-punt biss;

Illi l-perit ?gali ttratta dina l-kwistjoni fil-paragrafu 6 tar-Relazzjoni u wasal għall-konklużjoni li bis-sentenza ċitata tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918 ġie biss deċiż, għall-anqas hu hekk qal li loġi?ament għandha tiftiehem dika s-sentenza, li fil-waqt li Maria Falzon, imħabba l-ħtija ta' adulterju pruvata kontra tagħha, tilfet id-dritt għan-nofs ta' l-akkwisti magħmulin bl-industrija tagħha; il-perit qal dan wara li ċċita l-Artikolu 55 tal-Ord. 1 tal-1873 (illum Artiklu 56 tal-Kodiċi Ċivili) espressament imsemmi fis-sentenza għall-finijiet tad-dekadenzi *mitluba u komminati fir-rigward ta' Maria Falzon* u kkomenta li, kieku ma kienetx dina l-konsegwenza ta' l-istess deċiżjoni, allura l-mara ħatja ta' adulterju tkun qegħda tiġi premjata billi tieħu l-intier u mhux in-nofs tal-akkwisti li tagħmel hi stess; għalhekk il-perit ikkonkluda favur it-teżi attriċi fis-sens li l-kommunjoni ta' l-akkwisti spiċċat mhux bis-sentenza ċitata iżda bil-mewt ta' Avertano Falzon, u kwinđi hu mbagħad qal li mill-proprietà akkwistata wara dik is-sentenza minn Maria Falzon, ommha, sa dika d-data li miet missierha, l-attriċi ħaqqha n-nofs;

Illi l-attriċi, fin-nota tagħha wara li qalet li taqbel ma dina l-konklużjoni peritali, irribattiet xi riljevi tal-konvenut bi ritika ta' l-istess konklużjoni u qalet li fis-sentenza ċitata l-Qorti ma pprovditx fuq it-talba ta' Avertano Falzon għaċ-ċessazzjoni ta' l-akkwisti u ma ddekretatiex, kif għandha l-fakoltà li tarbitra *skond iċ-ċirkostanzi, għax deherilha li kienet piena suf*fiċjenti għal martu li titlef, oltre drittijiet oħra, id-dritt għan-nofs l-akkwisti li żewġha jagħmel bil-ħidma tiegħu; semmiet ukoll li, fl-ipotesi kuntrarja, jiġi li l-Qorti riedet tippriva lirraġel mid-drittijiet li, bħala kap tal-komunjoni, għandu fuq l-istess u hekk martu fedifraġa tkun tista' tiddisponi liberament mill-akkwisti tagħha, u hekk żewġha jibqa' ċivilment esawtorat, u jkollha fuqu rivinċita patrimonjali proprju mħabba l-*insubordinazzjoni* u *l-infedeltà* tagħha stess;

Illi r-riljevi tal-konvenut, fuq il-kwistjoni taħt eżami, huma fis-sens li l-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili (ċitat mill-perit) jirriferixxi biss għall-akkwisti li jkunu saru sakemm tiġi pronunzjata s-sentenza tas-separazzjoni, billi għall-akkwisti li jsiru wara jipprovdi l-artikolu 64 ta' l-istess Kodiċi, u, jgħid il-konvenut, trid tkun reċiproka u trid tkun saret domanda għaliha; hu iżid li fis-sentenza tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918 ġew akkolti ż-żewġ domandi mitluba mill-attur u ċioè sia d-dekadenza tal-konvenuta fis-sens ta' l-artiklu 56 u sia ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni għal wara s-separazzjoni;

*Ikkunsidrat:*

Illi s-soluzzjoni tal-kwistjoni tiddependi mill-interpretazzjoni li trid tingħata lis-sentenza tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918, li ppronunzjat is-separazzjoni bejn Avertano u Maria ġia miżżewġin *Falzon*, billi, bħala prinċipju, għandu jingħad li d-dekadenza komminata fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili tirrigwarda biss, kif issottometta l-konvenut, l-akkwisti li jkunu saru sad-data tas-separazzjoni; għall-akkwisti ta' wara, il-liġi tipprovdi fl-artikolu 64 u d-domanda għar-regolament relattiv tista' ssir minn kull waħda mill-partijiet meta l-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tordna t-telf ta' l-jedd tal-parti l-oħra u tista' tagħmel dan taħt il-kondizzjoni tar-reċiproċità. Issa fil-każ preżenti l-attur f'dik iċ-ċitazzjoni kien talab li tiġi dikjarata ċessata l-komunjoni tal-akkwisti għall-finijiet kollha tal-liġi; domanda simili hija ferm frekwenti f'kawżi ta' separazzjoni u fiha nnifisha għandha mpliċità l-kondizzjoni tar-reċiproċità billi, ċessat dana r-reġim tal-komunjoni dak mill-miżżewġin li jakkwista xi ħaġa jkun qed jakkwistah għalih biss. Hu għalhekk il-każ, kif intqal, li jiġi stabbilit jekk dik id-domanda ġietx provvduta, kif jissottometti l-konvenut, jew ma ġietx provvduta, kif tissottometti l-attriċi, fil-kawża l-oħra, mingħajr ma hemm in-neċessità li wieħed joqgħod juri għaliex il-liġi tiddisponi b'dana l-mod fuq l-akkwisti li jsiru wara

s-separazzjoni al-miżżewġin la darba wieħed irid japplika l-liġi kif inhi: f'kull każ, ikun ir-raġel stess, f'dana l-każ, li ġieb dan l-istat ta' affarijiet billi kien hu li għamel dina t-talba, għalkemm wieħed għandu jirritjeni li allura, meta martu ma kellha xejn, hu kien jaħseb li kien fl-interess tiegħu li jaġixxi kif aġixxa; illum l-attriċi, bintu u eredi tiegħu, qegħda donnha tnaqqas il-ħtieġa ta' ommha u tgħid li ma kienx jistħoqqilha li titlef sehemha mill-akkwisti ta' żewġha wara s-separazzjoni meta qatt ma kien hemm idea ta' rikonċiljazzjoni u ġa kienet dikjarata dekaduta mill-istess akkwisti sas-separazzjoni. Hu żgur li missier l-attriċi stess sakemm miet, qatt ma pprova jindaħal f'dak lil martu kienet akkwistat allavolja kien jaf li kellha proprjetà, kif tixhed l-istess attriċi u kif jirriżulta wkoll mill-awtorizzazzjoni li għamilha fl-okkażjoni ta' l-att pubblikat min-Nutar Chapelle fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar, 1940, u ċioè disa' snin qabel ma miet;

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, is-sentenza preċedenti tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, 1918 ipprovdiet għaċ-ċessazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti bħala waħda mill-konsegwenzi li Avertano Falzon talab lis-separazzjoni minnu mitluba kontra martu kellha tipproduċi kif ukoll din kellha jġib id-dekadenza li hu talab kontra martu: ma kienx hemm bżonn kif issottomettiet l-attriċi, li jingħad espressament fis-sentenza li l-komunjoni kienet qegħda tiġi terminata (kif għamlet rigward id-dekadenzi tal-konvenuta); kien ikun hemm bżonn li ssir espressament kieku l-attur talab biss li martu titlef id-dritt tagħha għan-nofs l-akkwisti li jagħmel hu bil-ħidma tiegħu ħalli tiċċara jekk din it-talba, jekk milqugħa, tkunx tiġi hekk milqugħa taħt il-kondizzjoni tar-reċiproċità jew lè, kif intqal però dina l-kondizzjoni kienet impliċità fid-domanda kif saret u kwindi l-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur kien biżżejjed. Ċertament m'għandux wieħed jinklina biex igħid li l-Qorti ma tipprovdix fuq id-domanda lilha mressqa, billi din tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola u kwindi, f'nuqqas ta' raġunijiet altru li serji

u univoċi, għandu jiġi ritenut li d-domanda in kwistjoni ġiet provvduta anke in vista tal-portata tagħha; kontra dan ma tiswiex is-sottomissjoni tal-attriċi li l-Qorti donnha ma eżaminatx iċ-ċirkostanzi biex tara tordnax iċ-ċessazzjoni jew le tal-komunjoni billi l-Qorti kellha quddiemha l-fatti kollha tal-każ u anke f'dana r-rigward għandu jiġi ritenut li l-Qorti nvestigat dak li rriteniet meħtieġ relattivament għad-domanda li saritilha; kien ikun differenti l-każ, u wieħed kien irid jirritjeni li ma kienx hemm dina ċ-ċessazzjoni, li kieku ma kienx hemm talba għaliha, u dana r-raġunijiet hu iżjed konformi mad-deċiżjoni, ċitata mill-attriċi u riportata fil-Volum XXVIII parte II paġina 460, minn dak li din trid tiddesumi minnha u tqiegħed a bażi tas-sottomissjonijiet tagħha. Dwar dina l-kwistjoni kien ikun importanti li kieku s-sentenza tas-separazzjoni ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku billi allura wieħed kien jista' jgħid xi argument mill-mod li tkun tniżżlet; skond però ċ-ċertifikat rilaxxjat mid-Direttur dan ma sarx. Taħt dawna ċ-ċirkostanzi, jassumu iżjed importanza l-fatti riżultati u cioè li Avertano Falzon stess qatt ma fittex xejn fuq l-akkwisti ta' martu u li l-attriċi stess, li suppost kienet taf li missierha kellu sehem minnhom, ma nkludiet xejn fid-denunzja ta' missierha u qatt ma talbet xejn lil ommha f'ħajjitha anke meta r-relazzjonijiet ma kienux mill-aħjar; ir-riserva ta' drittijiet li għamel Avertano Falzon, meta awtorizza lil martu biex tiddivjeni għall-att tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar, 1940 dwar drittijiet tiegħu mis-sentenza tas-separazzjoni ma tistax tiftiehem li hu kien jaħseb li għandu sehem mill-akkwisti ta' martu għax il-komunjoni ma ġietx terminata; dik l-iskrittura tirrigwarda biss il-kapaċità ta' martu separata minnu għar-raġuni ta' adulterju tagħha stess u l-effetti ta' l-iskrittura u l-konklużjonijiet rikavabbli minnha għandhom jiġu ristretti għal dika l-kapaċità ta' Maria Falzon; l-artikoli 65, 66 u 67 tal-Kodiċi Ċivili, li jirregolaw dina l-materja, jiġġustifikaw in-neċessità ta' l-awtorizzazzjoni li saret, però ma jixħtu ebda dawl fis-sens li tissottometti l-attriċi; kif ġa ntqal dana l-fatt jipprova biss li ma-

sier l-attriċi kien jaf bl-akkwisti li *kienet* għamlet u qegħda tagħmel martu li fuqhom qatt ma ċċaqlaq; dana l-atteġjament għandu jiftiehem fis-sens li anke hu kien iħoss u kien-mingħalih li minn dawn l-akkwisti m'għandu xejn salv li 'l quddiem l-attriċi kienet tiret minnhom mingħand ommha. Jiġi però f'dana l-istadju kjarit li dawna l-fatti, għalkemm isostnu l-konklużjoni fuq raġġunta li l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet ġiet terminata bis-sentenza ċitata, ma jikkostitwix il-vera raġuni a bażi tal-istess konklużjoni li verament hija bażata fuq il-mod li saret it-talba għas-separazzjoni, dak li jiġri u wieħed għandu raġjonevolment jirritjeni li għandu jiġri meta jkun hemm domanda speċifika mressqa quddiem il-Qorti, u fuq kollox, il-mod kif it-talba ġiet provvduta.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti tipprovdi għalissa fuq id-domandi attriċi billi tiddikjara li, għall-finijiet ta' l-ewwel domanda ta' l-attri,i l-assi *soċjali konjugali* ġa eżistenti bejn Avertano u Maria ġa miżżewġin Falzon għandu jiġi likwidat kif kien jeżisti fis-sitta ta' Mejju, 1918, u li għall-finijiet tat-tielet talba, ebda parti m'għandha tiġi inkluża fl-assi ta' Avertano Falzon mill-proprietà akkwistata mill-mara tiegħu Maria Falzon wara dik l-istess data tas-sitta (6) ta' Mejju 1918. L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali. Tiddefferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni in vista tad-deċiżjoni preżenti, għall-erbatax (14) ta' Frar, 1964.